

# L-Aħrax tal-Mellieħa fl-1633

■ Jonathan Muscat

## L-Universitajiet ta' Malta fi Żmien l-Ordni

Meta l-Ordni ta' San Ġwann waslet Malta fl-1530 sabet Università jew Gvern li kien imexxi lil Malta mill-Imdina. Din l-Università kellha numru ta' uffiċjali fosthom erba' ġurati li ġieli kienu jkunu tobba jew nutara. L-Ordni għarfet tnaqqas il-poter tal-Università tal-Imdina, magħrufa wkoll bħala tan-Notabile, billi waqqfet Università oħra tal-Birgu, li fl-1571 saret ta' Valletta, Vittoriosa u Senglea. Il-pika u l-għira bejn iż-żewġ Universitajiet kienet kbira u spiss kienu jimpikaw bejniethom sabiex jakkwistaw privileġġi, drittijiet u l-favur tal-Gran Mastru.[1]

## Il-Mellieħa fis-sekli 16 u 17

Minkejja li l-Mellieħa f'dawn iż-żewġ sekli kien aktar meqjus bħala lokalità milli raħal, il-Madonna tal-Mellieħa baqgħet tgawdi minn devozzjoni qawwija u bosta kienu l-Maltin li kienu jżuru dan l-għar qaddis.  Wara l-attakk tal-1614, meta x-xbieha tal-Madonna sofriet ħsarat, id-devozzjoni lejn il-Madonna żdiedet b'rata mgħaġġla. Is-seklu 17 ra żieda fl-għoti ta' ex-voto u oġġetti sagri. Żdied il-bini u l-ispazju marbuta mas-Santwarju u saru bosta viżti pastorali minn isqfijiet kif ukoll żjarat minn gran mastri, inkwiżituri, kavallieri, nobbli u għadd kbir ta' pellegrini.[2]




Parti mill-mappa ta' Malta. A. Ortelius/J.B. Vrients. Malta Olim Melita. 1602.p.

Din iż-żieda ta' interess kienet qed tinħass f'art u spazji pubbliċi madwar il-Mellieħa kemm minn individwi kif ukoll, kif ser naraw, mill-Universitajiet li semmejna qabel.

## L-Aħrax tal-Mellieħa u l-Università

F'wieħed mid-dokumenti tal-1633 li nsibu fl-Arkivji Notarili fil-Belt Valletta, għandna supplika jew talba li saret mill-ġurati tal-Università tal-Belt Valletta lill-Gran Mastru Antoine de Paule. F'din it-talba, miktuba bit-Taljan u l-Latin, l-erba' ġurati [3] xtaqu li tingħatalhom, f'isem l-Università, biċċa art mill-ispazju pubbliku fl-iktar partijiet imbiegħda tal-Mellieħa u li, skont huma, kienu vera ftit dawk in-nies li kienu jagħmlu użu minnha. Mid-dħul ta' din l-art setà jsir il-ħlas ta' xogħlijiet urġenti bħall-bini mill-ġdid ta' ħitan li kienu ser jiġġarrfu. Il-ġurati tal-Università sostnew li b'din l-għotja ta' art ma kienx ser ikun hemm għalfejn togħla l-prezz tal-qamħ biex jinġabru l-flus ħalli jsir ix-xogħol imsemmi hawn fuq u minħabba f'hekk kienu ser igawdu l-foqra wkoll. Il-ġurati spjegaw ukoll li mill-istess art kien ser jinġabar qamħ u frott ieħor bħalma kien qed isir mill-Università tan-Notabile li wkoll kellha artijiet fl-Aħrax. Dawn l-erba' ġurati tal-Belt Valletta, forsi anke sabiex ikomplu jħajru lill-Gran Mastru, qalu li b'din l-għotja l-poplu kien ser ikun obbligat jitlob għas-saħħa u l-kobor tiegħu. Fit-2 ta' Ġunju 1633, xahar




Il-Gran Mastru Antoine de Paule.

wara li saret it-talba, il-Gran Mastru de Paule għadda lill-ġurati tal-Belt Valletta art fl-Aħrax tal-Mellieħa bl-eċċezzjoni tal-art li kienet ingħatat lill-Università tan-Notabile xi snin qabel fl-Aħrax ukoll.

Fiż-żmien li saret din l-għotja l-Ordni kienet qed tinvesti fid-difiża tat-Tramuntana ta' Malta bit-torrijiet ta' San Pawl il-Baħar u ta' Kemmuna.[4] Dawn għenu sabiex titjieb l-għassa kontra l-furbani u l-kuntrabandu. Kien għalhekk li l-Gran Mastru rabat lill-ġurati tal-Belt Valletta li jibnu torri fl-iktar parti għolja u prominenti tal-inħawi tal-Aħrax. Bil-bini ta' dan it-torri l-bdiewa u l-ħaddiema li kienu jaħdmu f'dawk l-artijiet, kien ser ikollhom aktar kenn u sigurtà mill-ħbit tal-furbani. Din hi aktarx waħda mill-ewwel referenzi għall-bini tat-Torri l-Aħmar, li però beda jinbena mill-Università tan-Notabile u mhux tal-Belt Valletta fl-1647.[5]

### Il-konfini tal-art mogħtija lill-Università tal-Belt Valletta

Sabiex nifhmu ftit aħjar x'art ingħatat lill-ġurati tal-Belt Valletta ser nagħmel użu minn mappa li saret mis-Sur Alex Camilleri fl-2005 [6] li fiha niżżel l-ismijiet ta' widien, irdumijiet, għerien u nħawi fl-Aħrax. Fuq l-istess mappa qed nimmarka b'ovali u ittra l-inħawi li jissemmew fid-dokument tal-1633 u li juru l-konfini tal-art mogħtija. Din l-art kienet tibda minn post imsejjaħ il-*Portella* (A), tkompli fuq il-lemin tul il-ħitan ta' fuq *Għar ta' Taflia*, li aktarx jinsab 'il fuq mit-*Taflia* (B), tkompli fuq *Għar Bacrat* (C) u tibqa' miexja mal-ħajt lejn ix-xatt sa *Wied il-Ħarrub* (D). Dan il-ħajt kien imiss mal-art li kienet ingħatat lill-Università Notabile tliet snin qabel (rettangolu N)[7]. Minn *Wied il-Ħarrub*, l-art mogħtija lil tal-Belt Valletta kienet tkompli lejn *Irdum il-Ħmar* (E), kemm il-parti l-għolja kif ukoll il-parti l-baxxa tiegħu, u tibqa' sejra sal-*Ponta tal-Aħrax* (F) u minn hemm tibqa' ddur max-xatt sal-*Ponta taċ-Ċirkewwa* (G) minn fejn kienet taħdem il-*Madia*, jew id-dgħajsa t'Għawdex. Mill-*Ponta taċ-Ċirkewwa* l-art mogħtija kienet tkompli bl-*Irdum taċ-Ċirkewwa* (H), bl-għoli u baxx tiegħu sal-*Ponta tal-Qortin* (I?). Ma nafux jekk din il-ponta hix il-*Ponta tax-Xriek* (IA), *il-Ponta tal-Qammieħ* (IB) jew forsi parti oħra.[8] Qrib il-*Ponta tal-Qortin*, l-Università tan-Notabile kellha xi artijiet. Minn din il-*Ponta tal-Qortin* l-art mogħtija lil tal-Belt Valletta, kienet tkompli u tgħaqqad sal-*Portella*, minn fejn bdejna fil-bidu.

Għalkemm il-manuskritt ma jinkludix mappa, wieħed jinduna li l-art mogħtija kienet waħda sostanzjali u forsi kien għalhekk li l-Gran Mastru ried li l-Università tal-Valletta tibni torri fl-inħawi. Din l-art kellha partijiet tajbin għat-tkabbir tal-prodotti u partijiet li kienu xagħri u art selvaġġa. Fil-fatt, sa mill-Medjuevu u aktarx anke qabel, l-ispazji pubbliċi fil-Mellieħa kienu jintużaw mill-Maltin sabiex jiġbru ħatab u xewk għall-ħruq kif




Mappa tal-Aħrax li turi l-art mogħtija lill-Ġurati tal-Belt Valletta

ukoll kienu jġibu l-merħliet u l-annimali tagħhom ħalli jirgħaw.[9]

**L-art tal-Università tan-Notabile**

Fid-dokument jissemma li tan-Notabile kellha artijiet fl-Aħrax iżda mhux ċar kemm kienet kbira din l-art. Il-ġurati tan-Notabile kellhom żewġ *clausure*, jew artijiet mdawra b'ħajt tas-sejjieħ, fi nħawi msejħa *ta' Hain* Tuta. Qrib dawn il-*clausure* kellhom ukoll *beveratura* jew għajn li setgħet tintuża mill-pubbliku ġenerali u minn fejn setgħu jixorbu l-annimali. Kellhom ukoll ċisterna jew ġiebja li kienet tinsab ftit 'il fuq minn *Għar Taflija*.

Jidher però li l-ġurati tal-Belt Valletta ma ħadux gost bil-*clausure* tan-Notabile f'nofs l-artijiet tagħhom. Filwaqt li rringrazzjaw lill-Gran Mastru, huma sostnew, jew ġabu l-iskuża, li kien hemm ċans kbir li ta' kuljum seta' jinqala' inkwiet bejn il-bdiewa taż-żewġ naħat rigward l-annimali li kienu jittieħdu hemm u dwar l-użu tal-passaġġ komuni. Fl-20 ta' Ġunju 1633 Fra Gio. Antonio Perdicomati, is-*Secreto* tal-Ordni nnifsu, tela' sat-territorju tal-Mellieħa sabiex jinforma ruħu u jkun ċert dwar l-art li kienet qed tissemma'. Hu sab li l-*clausure* tan-Notabile kienu fil-fatt jinsabu f'nofs l-art mogħtija lil tal-Belt Valletta u kien tal-parir li dawn l-artijiet tan-Notabile jingħataw lill-ġurati tal-Belt Valletta. Fis-6 ta' Lulju 1633, Perdicomati ssuġġerixxa lill-Gran Mastru li minflok l-art f'nofs l-Aħrax, l-Università tan-Notabile tingħata art oħra, tad-daqs li jogħġob lill-Gran Mastru, mill-ispazju pubbliku fl-inħawi. Nistgħu nimmaġinaw kif ħaduha tan-Notabile hekk kif semgħu b'dan.

L-għoti ta' art pubblika kien spiss iwassal għal kwistjonijiet u kien hemm min jipprova japprofitta ruħu billi jokkupa art b'mod illegali. Fl-1636, il-Gran Mastru Lascaris ħareġ liġi kontra dawn tal-aħħar u tahom ċans li jerġgħu jġibu l-art għall-istat oriġinali u jwaqqgħu l-kmamar bla saqaf li seta' kien hemm.




Parti mid-dokument tal-1633.

Jekk kienu ħawlu xi siġar, kellhom jaqlgħuhom fi żmien ħames xhur, inkella jitħallew hemm sabiex jitgawdew mill-pubbliku. Dan il-bandu ma kienx jgħodd għall-artijiet mogħtija lill-Universitajiet u għalhekk il-bdiewa li kienu qed jaħdmu l-art fl-Aħrax ma jidhirx li ġew affettwati b'din il-liġi.

**Konklużjoni**

Dan id-dokument juri li fis-snin tletin tas-seklu 17 l-Aħrax ingħata liż-żewġ Universitajiet. Il-ġurati tan-Notabile ngħataw art f'nofs l-Aħrax u dawk tal-Belt Valletta ngħataw art li tinkludi l-kosta tad-dawra tal-Aħrax. Aktar tard l-Aħrax issaħħaħ b'żewġ torrijiet, u numru ta' batteriji, ridotti u trunċieri fejn seta' jsir xi nżul mill-għadu, fuq art li skont dan id-dokument l-parti l-kbira tagħha kienet tal-Università tal-Belt Valletta. Peress li l-Universitajiet kienu taħt il-kontroll tal-Gran Mastru, b'dawn l-istess għotjiet il-Gran Mastru de Paule kien qed jassigura li l-Aħrax ma jiġix okkupat jew ikkapparrat b'mod illegali minn terzi. Hu kien qed iżomm kontroll fuq medda art li l-aċċess għaliha u d-difiża tagħha kienu joffru ammont ta' sfidi għall-Ordni. B'dawn l-għotjiet il-Gran Mastru żied l-istabilità u l-investiment fit-Tramuntana ta' Malta li, għalkemm kienet maqtugħa mill-irħula l-oħra, bdiet tħajjar lil aktar nies jiġu jaħdmu fil-Mellieħa. Hu ferm probabbli li fil-bidu tas-seklu 17 kienet qed tissawwar komunità sabiħa b'mod aktar permanenti mferrxa mal-lokalità kollha, li wħud minnhom setgħu kienu l-istess bdiewa li kienu jaħdmu l-art fl-Aħrax tal-Mellieħa.

1 Muscat, Pauline. 'Aspects of Municipal Government in Malta 1720-1780' Unpublished dissertation BA History. Royal University of Malta, 1975.

2 Ara fost oħrajn: Bonnici, Alexander OFM. 'Il-Mellieħa', Parroċċa Mellieħa, 1994; Muscat, Jonathan. 'Inventarju tas-Santwarju tal-1694-1695 u d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa fis-seklu 17', FMB Mellieħa, 2005; Muscat, Jimmy. 'L-Istorja tal-Mellieħa, Dati Storiċi', Kunsill Lokali Mellieħa, 2009; Muscat, Jimmy. "Il-Viżta Pastorali ta' Fra Miguel Juan Balaguer de Camarasa fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa", FMB Mellieħa, 2013.

3 It-tabib Albino Portelli, Tomaso Pulis, Federico Delaymo, u Giachi Montalto. Dan tal-aħħar ma jerġax jissemmà fil-korrispondenza ta' wara.

4 Id-dati ta' meta tlestew jew ġew armati t-torrijiet tat-Tramuntana ta' Malta: Kemmuna (1618), San Pawl il-Baħar (1610), il-Qawra (1637), il-Ġnejna (1637), Għajn Tuffieħa, Torri Aħmar (1649), Torri Għajn Hadit (1658) u Torri Aħrax (1658).

5 Spiteri, Stephen. 'Il-bini tat-Torri tal-Mellieħa' fil-***Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien***. Vol.2. Sammut Jeffrey Ed., Kunsill Lokali Mellieħa. 2019. p.110.

6 Camilleri, A. (2005). 'It-toponomastika ta' Malta: l-Aħrax tal-Mellieħa'. L-Imnara, 8, (2), 74-82.

7 Mid-dettalji miġbura minn dan id-dokument mhux possibbli nkunu nafu kemm kienet kbira l-art mogħtija lil tan-Notabile u hija bbażata biss fuq l-informazzjoni miġbura minn dan id-dokument.

8 Skont id-dokument tal-1633 din il-Ponta tal-Qortin kienet tmiss ma' art tan-Notabile u b'aktar riċerka wieħed forsi jkun jista' jidentifika l-konfini tal-artijiet taż-żewġ Universitajiet b'mod aħjar.

9 Ara wkoll: Muscat, Jonathan. 'Il-Mellieħa fil-Medjuevu – Miżieb ir-Riħ u l-Ġbir tax-Xewk'. FMB Mellieħa, 2018.